# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1525/00**

**Numru 36**

**Galaxy Holiday Resorts Limited**

**vs**

**Accord International Destination Management Company Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u erbatax-il lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm914.25) dovuta bhala bilanc tal-prezz ta' servizzi ta' akkomodazzjoni fil-lukanda fuq imsemmija, rezi lis-socjeta' konvenuta fuq ordni tas-socjeta konvenuta stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-kumpanija konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-2 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm914.25,0 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Novembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg